MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Numru 574/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Agius)**

**vs**

**Mario Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Mario Portelli ta' 53 sena bin Annunziato u Carmela nee' Bonnici imwieled Paola u residenti Santa Lucia detentur ta' karta ta' identita numru 726448(m) akkuzat talli fit-13 ta' Settembru 2001, f'xi hin bejn it-8.00p.m. u d-9.00p.m., f'Santa Lucija:

1. volontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Alexander Spiteri skond kif iccertifika t-tabib Dr. D. Vella Baldacchino M.D. ta' l-isptar

San Luqa u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 216(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Spiteri Maria u Spiteri Karen skond kif iccertifika t-tabib Dr. D. Vella Baldacchino M.D. u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe in-nuccali tal-vista ghad-detriment ta’ Alexander Spiteri liema ammont tal-hsara ma jiskorriex il-Lm500 imma hu izjed minn Lm50 u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubbliku u l-bon ordni b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi kliem insulenta jew hedded lil Spiteri Alexander, Spiteri Maria, Spiteri Karen u Spiteri Melanie u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew dagha u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti intalbet li tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuni Spiteri Alexander, Spiteri Maria, Spiteri Karen u Spitri Melanie u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Li l-akkuzi kontra l-imputat huma konsegwenza ta' argument li nqala fil-gurnata u hin indikati fl-akkuza, li kien per se trivjali, u pprecipita stante l-inkonsideratezza u l-injoranza. Il-fatti fis-semplicita taghhom huma li l-imputat hareg minn daru biex imur fuq xi xoghol bit-taxi tieghu. It-taxi kienet bejn zewg vetturi, ukoll ipparkeggjati, li kienu vicin il-vettura tieghu. Wahda mill-vetturi kienet ta' membru tal-familja tal-imputat u kellha vettura ohra quddiema, waqt li l-vettura l-ohra kienet qed tintuza mill-garr tieghu. L-argument sehh meta hu staqsa lill-garr biex tigi imressqa din il-vettura u fil-hin u l-waqt li bint il-kwerelant, li sofra l-feriti gravi, kienet qed tressaq il-vettura sehhet kollutazzjoni bejn l-imputat u dan il-kwerelant li spicca sofra l-allegati griehi. Dwar l-istess griehi jinghad li l-provi juru li fost allegati griehi allegatament serji ohra, li dwarhom ma giex pruvat in-ness ta' kazwalita u efett mal-incident in disamina, jirrizulta li l-imsemmi kwerelant sofra ferita fuq ghajnu l-leminija li halliet marka li kienet visibbli, kif kkonstatat din il-qorti stess, meta xehed quddiemha wara disa' xhur mill-incident.

Illi dwar l-incident l-qorti hija sodisfatta, kemm mill-assiem tal-provi u in-natura tal-feriti, li kien l-imputat li pprecipitah u li ergo ghandu jassumi r-responsabbilta' shiha tal-feriti u danni minnu kkawzati. F'dan il-kuntest il-Qorti ma riskontrat l-ebda skusanti ghall-agir tieghu u alla hares kull persuna kellha tagixxi bhalu ghaliex jigi mistoqsi li ghandu jghid "jekk joghgbok". Fil-kuntest ta' din il-glieda din il-Qorti hi konvinta li l-aggressur kien l-imputat li mill-provi jirrizulta fic-car li deliberatament ghadda ghall-offensiva kif wisq car jirrizulta mill-fatt li l-vettura li kien qieghed jitlmenta dwarha kienet qeghdha tigi mcaqalqa u f'dan il-hin hu hareg mill-vettura tieghu. Hu bizzejjed li jkun hemm intenzjoni generika u din bla dubbju ta' xejn kienet tezisti fl-imputat.

Illi dwar il-feriti hfief kif ukoll l-hsara kkagunata fin-nuccali dawn ukoll jinsabu sodisfacjentement pruvati kontra l-imputat li mill-banda l-ohra ghandu jigi liberat mill-akkuzi l-

ohra billi l-istess jew ma gewx pruvati jew adirittura ma jirrizultaw minn imkien.

Illi relattivament l-ewwel akkuza, li hi dik l-aktar serja, l-akkuza giet mserrha fuq l-Artikolu 216(b) tal-Kap 9.

Inghad dan ghalhekk u filwaqt li qeghdha tillibera lill-imputat mir-raba, il-hames u s-sitt akkuza, qeghdha ssib l-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza u filwaqt li qeghdha ssibu hati taghhom rat l-Artikolu 216(b), 221, 325(c) u 17 tal-Kap 9 u tikkundannah komplessivament multa ta’ Lm 200 oltre li tapplika l-Artikolu 24 tal-Kap 446 u tikkundannah li jhallas lill-Alexander Spiteri l-ammont ta’ Lm41 danni lin-nuccali. Oltre minn hekk mhiex tal-fehma li ghandha tapplika ebda provediment iehor.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------